2024/1958

18.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1958

tas-17 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Tilia cordata* L. u ta' *Tilia platyphyllos* L., li joriġinaw mir-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]), abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Wara valutazzjoni preliminari, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati proviżorjament 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneru *Tilia* L.

(3) Fid-9 ta' Ġunju 2023, ir-Renju Unit ([3]) ressaq talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil li ġejjin ta' *Tilia cordata* L. u *Tilia platyphyllos* L., li joriġinaw mir-Renju Unit: tilqim/rimjiet bl-għejun sa sentejn b'dijametru massimu ta' 12 mm, pjanti għat-tħawwil bl-għeruq mikxufa sa 7 snin b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk, u pjanti għat-tħawwil bl-għeruq f'materjal għat-tkabbir sa 25 sena b'dijametru massimu ta' 80 cm fil-bażi taz-zokk. Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossier tekniku rilevanti.

(4) Fit-18 ta' April 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti rilevanti, li joriġinaw mir-Renju Unit ([4]). L-Awtorità ma identifikat l-ebda pest rilevanti għall-pjanti għat-tħawwil ta' *Tilia cordata* L. u *Tilia platyphyllos* L.. li joriġinaw mir-Renju Unit ("il-pjanti rilevanti").

(5) Abbażi tal-opinjoni tal-Awtorità, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni jitqies bħala aċċettabbli, ikunu xi jkunu ż-żmien tagħhom, id-daqs jew it tip.

(6) B'hekk, jenħtieġ li l-pjanti għat-tħawwil ta' *Tilia cordata* L. u ta' *Tilia platyphyllos* L li joriġinaw mir-Renju Unit ma jibqgħux jiġu meqjusa bħala pjanti b'riskju għoli. Għaldaqstant jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/2019-12-14.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

([3]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-fini ta' dan l-att, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([4]) EFSA PLH Panel (EFSA Panel on Plant Health), 2024. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Tilia cordata* and *Tilia platyphyllos* plants from the UK. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8803

(8) Sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji ([5]), jenħtieġ li l-importazzjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Tilia cordata* L. u ta' *Tilia platyphyllos* L. li joriġinaw mir-Renju Unit terġa' tibda fl-iqsar żmien possibbli.

(9) Dan ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Agreement on the Application of Sanitary and Phytosanitary Measures (SPS Agreement) (adopted on 15 April 1994, entered into force on 1 January 1995; UNTS volume 1867, p. 493); World Trade Organization, https://www.wto.org/english/tratop_e/sps_e/spsagr_e.htm.

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella tal-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni", l-entrata *'Tilia* L.' hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Tilia* L., għajr pjanti għat-tħawwil ta' *Tilia cordata* L. u *Tilia platyphyllos* L. li joriġinaw mir-Renju Unit."